## LIMERICKS

I.

*Kien hemm darba mara mill-Gżira*
*li kellha dublett bit-tkaxkira,*
*u l-briegħed il-kbar*
*ġo fih ħaffru għar*
*ħa jgħixu mal-mara tal-Gżira.*

II.

*Kien hemm raġel darba n-Nadur*
*li ddendel mad-denb ta' pinnur,*
*u dar ma' kull riħ*
*li nefaħ rebbieħ*
*fis-sema kaħlan tan-Nadur.*

III.

*Kien hemm raġel xiħ minn Serkuża*
*li kien iħobb wisq lill-ħanfusa;*
*jorbotha bi spaga*
*fil-ġranet tal-paga*
*jeħodha warajh ġo Serkuża.*

IV.

*Kien hemm darba x-xatt żewġ għarajjes*
*ġew Malta ta' Għawdex mad-dgħajjes,*
*b'żarbun bil-maqlub,*
*kien qishom żewġ qlub*
*mifruda, l-imsejkna t'għarajjes.*

V.

*Kien hemm raġel xiħ minn Għajn Tuta*
*b'żaqq kbira, miskin, daqs kaputa;*
*"xħin qatt f'din il-ħajja*
*sa nara 'l saqajja?"*
*kien jgħid dan ix-xiħ minn Għajn Tuta.*

ANTON BUTTIGIEG.

## ~~ID-DINJA~~

~~*Id-dinja ddur,*~~
~~*Ir-rota wkoll;*~~
~~*Fejn wieti kien,*~~
~~*Illum sar skoll;*~~

~~*U fejn kien borġ*~~
~~*Twil m'ogħla sur,*~~
~~*Tibki tarah:*~~
~~*Illum sar bur!*~~

~~R.M.B.~~